Nru. 17,619
Prezz 80c
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 6 ta' Lulju, 2004
Tuesday, 6th July, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 728

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,614, 17,615 u 17,617 tat-28 u t-30 ta' Ġunju u 2 ta' Lulju, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 346 ta' l-2004: Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni wara l-ħruġ ta' deċiżjoni msejħa "Interconnection in the Maltese Telecommunications Sector - Report on Consultation and Decision, May 2003".

A.L. Nru. 347 ta' l-2004: Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm1,718,800 *Stock* tal-Gvern bis-7%, 2014 (IV).

A.L. Nru. 348 ta' l-2004: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

A.L. Nru. 349 ta' l-2004: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni ta' l-2004 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Stat tal-Kuwajt).

A.L. Nru. 350 ta' l-2004: Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Notifika ta' Avviż bil-Posta.

A.L. Nru. 351 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Emenda Nru. 2 fil-Liġijiet tal-Pensjonijiet).

A.L. Nru. 352 ta' l-2004: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

Is-6 ta' Lulju, 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 728

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,614, 17,615 and 17,617 of the 28th and 30th June and 2nd July, 2004, respectively.

L.N. No. 346 of 2004: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Directive by the Malta Communications Authority further to the issue of a decision entitled "Interconnection in the Maltese Telecommunications Sector - Report on Consultation and Decision, May 2003".

L.N. No. 347 of 2004: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the issue of Lm1,718,800 7% Malta Government Stock 2014 (IV).

L.N. No. 348 of 2004: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Documents and Transfers (Amendment) Rules, 2004.

L.N. No. 349 of 2004: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (State of Kuwait) Order, 2004.

L.N. No. 350 of 2004: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Service of Notice by Mail Regulations, 2004.

L.N. No. 351 of 2004: European Union Act, 2003 (Act No. V of 2003); European Union (Amendment of Pension Laws) (No. 2) Order, 2004.

L.N. No. 352 of 2004: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Documents and Transfers (Amendment) Rules, 2004.

6th July, 2004

Nru. 729

IL-PRIM MINISTRU U L-MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 727 tal-5 ta' Lulju, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-5 ta' Lulju, 2004
(OPM 12/2004 Vol II)

No. 729

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Monday, 5th July, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 727 of the 5th July, 2004, ceased to have effect accordingly.

5th July, 2004

Nru. 730

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Direttur ta' l-Ippjanar

BIS-SAĦĦA ta' Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tħabbar il-ħatra tal-Perit Chris Borg, BE&A (Hons), MSc Env Plan & Mgt, A&CE, MMCP, bħala Direttur ta' l-Ippjanar b'seħħ mit-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

No. 730

THE MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Director of Planning

IN terms of Section 6 of the Development Planning Act, the Malta Environment and Planning Authority notifies the appointment of Mr Chris Borg, BE&A (Hons), MSc Env Plan & Mgt, A&CE, MMCP, as Director of Planning with effect from 30th June, 2004.

6th July, 2004

Nru. 731

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

SKOND ir-Regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippublikati fl-Avviż Legali Nru. 294 ta' l-2002 id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi n-notifika tal-konċentrazzjoni bejn First Finance Holdings, Mizzi Holdings Limited u First Retirement Planning Limited li saret u ġiet aċċettata nhar it-Tlieta, il-25 ta' Mejju, 2004.

Il-konċentrazzjoni hija l-akkwist ta' kontroll konġunt minn First Finance Holdings u Mizzi Holdings Limited ta' First Retirement Planning Limited.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa dak konness ma' *personal retirement plans*.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu bil-miktub lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:

No. 731

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

IN terms of Regulation 5(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice No. 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition notifies for general information the notification of a concentration between First Finance Holdings, Mizzi Holdings Limited and First Retirement Planning Limited was filed and accepted on Tuesday 25th May 2004.

The nature of the concentration is an acquisition of joint control by First Finance Holdings and Mizzi Holdings Limited of First Retirement Planning Limited.

The economic sector affected is that of the production of rubber technical parts.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notice in the Government Gazette to:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust
Triq il-Kanun
Sta Venera CMR02
Malta

Is-6 ta' Lulju, 2004

Nru. 732

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippublikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju, 2004, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

Is-6 ta' Lulju, 2004

Consumer and Competition Division
Office for Fair Trading
Triq il-Kanun
Sta.Venera CMR02
Malta

6th July, 2004

No. 732

IMMIGRATION ACT
(CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Monday, 5th July, 2004, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

6th July, 2004

Nru. 733

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu avviż ta' Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa-malta.org

Ħal Far	GF0085/04	Installazzjoni ta' fabbrika għall-produzzjoni ta' ingredjenti farmaċewtiċi attivi f'Ħal Far Id-Direttur, Malta Industrial Parks Ltd
Ħal Far	*GF0085/04*	*Installation of a manufacturing plant for the production of active pharmaceutical ingredients at Ħal Far* *The Director, Malta Industrial Parks Ltd*

Is-6 ta' Lulju, 2004

No. 733

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The applications are set out by locality and include the PA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority at Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa-malta.org

6th July, 2004

Nru. 734

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 734

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 226	Christabel Bajada	Big Girl 2 111, Palm Street Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	30.06.04
CD/3209/2004 Pt 232	Antoine Borg	Home Entertainment 72, Triq it-Tiġrija Nadur Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.27	30.06.04
CD/3209/2004 Pt 233	Kevin Debono	Centre Point (Stationery & Gift Shop) Vjal il-Ħelsien Żebbuġ Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.2 52.48.9 52.48.13	24.06.04
CD/3209/2004 Pt 235	Janine Mary Vickery	Beach Body 52 Shop Unit 7, Portomaso Shopping Complex San Ġiljan	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022 52.42	01.07.04
CD/3209/2004 Pt 236	Anthony Micallef	Cathedral Optical 49, Triq Dun Pawl Ħal Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.48.2 52.48.4	01.07.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 237	Alfred Calleja	Joseph Calleja & Sons Ltd S. 1, Upper Ross Street San Ġiljan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.3 52.21	01.07.04
CD/3209/2004 Pt 238	Giuseppe Sturjale	Selma Limited UBT 7, Qasam Industrijali San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.1	01.07.04
CD/3209/2004 Pt 239	Philip Cilia	132, Triq Ġużè Pace Ħamrun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	01.07.04
CD/3209/2004 Pt 245	Stefano Polizzi	Play & Write 88, Triq San Pawl San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.13	01.07.04
CD/3209/2004 Pt 246	Paul Micallef	Granada Triq in-Nigret Rabat Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8	01.07.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-6 ta' Lulju, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

6th July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 58

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi se jkun projbit jew imdawwar fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Lulju, 2004 mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m. mix-Xatt sal-Gżira sal-Forestals.

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Lulju, 2004 mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m. mix-Xatt sal-Gżira sal-Forestals.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mit-3.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Carlo Manchè, Ponsonby, Fleet, Ġanni Bencini, Parisio u x-Xatt.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Lulju, 2004 mit-3.00 p.m. sa nofsilljel, il-pubbliku ġenerali hu magħruf li l-ipparkjar tal-vetturi hu pprojbit fit-toroq imsemmija hawn fuq.

Il-vetturi li ma jobdux dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Il-pubbliku huwa mitlub li jsegwi d-direzzjonijiet u l-iskema l-ġdida tat-traffiku li se tkun qed tintuża f'dawn id-dati u l-ħinijiet.

Is-6 ta' Lulju, 2004

POLICE NOTICE

No. 58

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Sliema

On Friday, 9th July, 2004 from 5.00 p.m. till 11.30 p.m. through ix-Xatt from Triq il-Gżira to Forestals.

On Saturday, 10th July, 2004 from 5.00 p.m. till 11.30 p.m. through ix-Xatt from Triq il-Gżira to Forestals.

On Sunday, 11th July, 2004 from 3.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Carlo Manchè, Ponsonby, Fleet, Ġanni Bencini, Parisio and ix-Xatt.

The general public is being notified that parking of vehicles on Sunday, 11th July, 2004 from 3.00 p.m. to midnight is prohibited in the streets mentioned above.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Public transport will be effected.

The public is to follow directions given and new traffic scheme in operation during the said dates and times.

6th July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 39 ta' l-2004

Użu mhux awtorizzat ta' Marker Buoys f'Żoni għall-Għawwiema

L-użu ta' *marker buoys* li jimmarkaw iż-Żoni għall-Għawwiema bħala ponot minfejn sidien ta' dgħajjes u inġenji tal-baħar jirmiġġaw l-opri tagħhom huwa pprojbit. L-uniku użu tal-*marker buoys* huwa biex jimmarkaw iż-Żona għall-Għawwiema. L-Awtorità Marittima ta' Malta se tieħu azzjoni legali kontra kull persuna li tuża b'dan il-mod dawn il-bagi.

Is-6 ta' Lulju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 39 of 2004

Unauthorised use of Marker Buoys at Swimmers' Zones

Boat users and operators of sea craft are warned to refrain from using the marker buoys delineating the Swimmers' Zones as mooring points. The sole use of the marker buoys is to delineate the Swimmers' Zones. The Malta Maritime Authority will take legal action against any person using such buoys.

6th July, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti

B'riferenza għall-Iskema Numru Ħamsa - Sussidju Fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati Minn Inkwilini Jew Ċenswalisti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Five

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - Scheme

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Sebgħa

Għajnuna Finanzjarja Għal Persuni b' Diżabilità għall-Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom

B'riferenza għall-Iskema Numru Sebgħa - Għajnuna Finanzjarja Għal Persuni b'Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Seven

Financial Aid To Persons With A Disability For Adaptation Works Related To Their Disability In Residences Occupied By Them

With reference to Scheme Number Seven Financial Aid To Persons With A Disability For Adaptation Works Related To Their Disability In Residences Occupied By Them published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati

B'riferenza għal Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 15 ta' Frar 1999 l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004

Is-6 ta' Lulju, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme On Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme On Privately Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 15th February 1999 the Housing Authority wishes to notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għall-Iskema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern, ippubblikata fil-Gazzetta

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings - published in the

tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema X

Skema Għax-Xiri u Għax-Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati

B'riferenza għall-Iskema X - Skema għax-Xiri u għax-Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Y

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar (Settur Privat)

B'riferenza għall-Iskema Y - Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema Għal Sussidju Fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999

B'riferenza għall-Iskema Z - Skema għal Sussidju Fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999 - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Is-6 ta' Lulju, 2004

Government Gazette of the 11th June 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme X

Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements)

With reference to Scheme X - Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements) published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of the Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Y

Subsidy On Interest On House Loans (Private Sector)

With reference to Scheme Y - Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector) published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy On Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority wishes to notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st December, 2004.

6th July, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Qabla fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Qabla fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Qabla għandu salarju ta' Lm4,798 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,710 (Skala Nru. 12). Persuna fil-grad ta' Qabla tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' Qabla li għandha l-BSc (Midwifery) jew kwalifika komparabbli adattata, huwa Lm5,416 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,466 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' Qabla ggradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Qabla ggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċjenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Qabla jinkludu:-

a) provvediment ta' informazzjoni u pariri tajbin dwar l-Ippjanar tal-Familja;

b) sorveljanza meħtieġa, kura u pariri lin-nisa waqt it-tqala, il-ħlas u żmien ta' wara t-twelid;

ċ) twellid fuq responsabbiltà tagħha weħidha u kura ta' l-omm u t-tarbija li twieldet;

d) tkun trid tuża s-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Midwife in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Midwife in the Health Division.

2.1. The post of Midwife carries a salary of Lm4,798 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,710 (Scale No 12). A Midwife will progress to Scale No. 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. The salary of a Midwife in possession of a BSc (Midwifery) or an appropriate comparable qualification, is Lm5,416 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,466 (Scale No. 10). A graduate Midwife will progress to Scale No 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) on completion of two years service as graduate Midwife, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Midwife include:-

a) provision of sound Family Planning information and advice;

b) offering the necessary supervision, care and advice to women during pregnancy, labour and post natal period;

c) conducting deliveries on her own responsibility and caring for the mother and infant;

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltiija;

(ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala Qwiebel mal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel (Malta);

(d) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw *Midwifery* f'Malta;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

10. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta'

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) able to communicate in the Maltese Language;

(c) in possession of a certificate of registration as a Midwife with the Council for Nurses and Midwives (Malta);

(d) in possession of a Licence to practise Midwifery in Malta;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the

xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Lulju 2004.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Lulju, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' P*rojects Officer* (Programm ta' l-Unjoni Ewropea, Socrates) fil-*European Union Programmes Unit* (EUPU) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Projects Officer* (wieħed mill-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea Socrates) fil-*European Union Programmes Unit* (EUPU), fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f' kuntratt għal sena bħala *Projects Officer* (Programm ta' l-Unjoni Ewropea Socrates) fil-*European Union Programmes Unit,* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' sena, fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta'

date of publication of the result.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 30th July 2004.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

6th July, 2004

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract of Projects Officer (EU Socrates Programme) in the European Union Programmes Unit (EUPU) in the Ministry of Education, Youth and Employment

The Public Service Commission invites applications for the positions of Projects Officer (EU Socrates Programme) European Union Programmes Unit in the Ministry of Education, Youth and Employment.

2.1. Selected applicants will be expected to enter into a one-year performance contract as Projects Officer (EU Socrates Programme) European Union Programmes Unit, in the Ministry of Education, Youth and Employment which may be renewed thereafter for periods of one year subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory

riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Projects Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sustantiv meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew *European Union Programmes Unit* kif ukoll mal-Gvern jintemm fil-każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal dawn il-pożizzjonijiet hu ekwivalenti għal minimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm5,750 fis-sena). F'każ li l-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni tiħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

3.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, u waqt il-perjodu tal-kuntratt jinħatru fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn skala 9, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Projects Officer* u li jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-minimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression,* il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

4. Id-doveri ewlenin ta' din il-pożizzjoni huma:

(a) promozzjoni tal-programm ta' l-UE Socrates fost setturi tal-popolazzjoni interessati fil-programm;

(b) assistenza lil *Executive Secretary* tal-programm ta' l-UE Socrates, fit-tmexxija tal-programm;

(ċ) sorveljanza tal-kuntratti tal-benefiċjarji tal-programmi ta' l-UE Socrates;

(d) attendenza, skond il-ħtieġa, għal-laqgħat tal-Kumitat Koordinattiv Socrates fi Brussell u Aġenziji Nazzjonali oħra;

(e) żamma ta' *files* u korrispondenza relatati mal-programmi ta' l-UE Socrates; u

(f) koordinazzjoni ma' *Projects Officers*/*Executive Secretaries* f' *joint actions* oħra tal-programmi.

5.1. L-applikanti għandhom ikunu/ikollhom:

(a) ċittadini ta' Malta jew ċittadini ta' stat membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) kwalifika minn Università rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa komparabbli;

performance as Projects Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidates are Public Officers they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers, their service with the European Union Programmes Unit, in the Ministry of Education, Youth and Employment as well as with Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

3.1. The salary for the position of Projects Officer is pegged to the minimum of Scale 9 (Lm5,750 per annum). In case the selected applicants are public officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the positions will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. If the selected candidates are Public Officers, and are, during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, they will be required to relinquish their duties of Projects Officer and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the minimum of Salary Scale 9 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered subsequent renewal of the contract.

4. The main duties of this position are:

(a) promotion of the Socrates Programme to all groups of potential participants;

(b) assisting the Executive Secretary, Socrates Programme, in the management of the programme;

(c) monitoring the contracts of the Socrates beneficiaries;

(d) attendance at Socrates meetings, as required, in Brussels and at the other National Agencies;

(e) keeping of files and correspondence relative to the Socrates Programme; and

(f) liaison with other Project Officers/Executive Secretaries in joint actions of the programmes.

5.1. The applicants must be:

(a) citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be in possession of a recognised University degree, or appropriate comparable qualification;

(d) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti sa mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mall-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.2. Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lill-applikanti li jkunu (jew ikollhom):-

(a) *computer literate;*
(b) esperjenza ta' xogħol amministrattiv u finanzjarju u ta' *management*;
(ċ) kompetenti ħafna fil-lingwi u komunikazzjoni;
(d) profiċjenti f'xi lingwa oħra ta' l-UE, barra l-Ingliż.

6. Il-persuni magħżula jridu jkunu lesti li jsiefru fuq xogħol fi Brussell jew postijiet oħra fl-Ewropa.

7. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq erbgħin (40) siegħa xogħol fil-ġimgħa.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u(jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u d-dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal dawn il-pożizzjonijiet.

11. Il-persuni magħżula jkollhom joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

(d) be of a good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6)months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2. Due consideration will be given to applicants who are:-

(a) computer literate;
(b) experienced in administrative, management and financial work;
(c) competent in languages and communications; and
(d) proficient in a language (other than English) of the EU.

6. The selected applicants must be willing to travel abroad, especially to Brussels and other European countries.

7. The engagement shall be based on a 40-hour week.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the positions.

12. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- www.mpo.gov.mt.

12. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

13. Ir-riżultat finali u l-ordni tal-meritu jkunu ppubblikati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

13. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Education Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of result.

14. Applikazzjonijiet miktubin mill-applikant stess flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mit-Taqsima tal-*Customer Care Section,* Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il- Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2004.

14. Applications in the applicant's handwriting, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Customer Care Section, Education Division, Floriana, and the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon of Friday, 30th July 2004.

